Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 83/2018

**Il-Kummissarju tal-Pulizija (appellant)**

**Vs**

**Joseph Portelli u MelitaUnipol Insurance Agency Limited u b'digriet tat-18 ta' Mejju 2015 il-kliem MelitaUnipol gew sostitwiti bil-kliem MiddleSea Insurance plc (polza konkluza tramite Melita Unipol Insurance Agency Limited) u llum jisimha Mapfre Middlesea plc (appellati)**

8 ta' Marzu, 2019.

1. Din il-kawza hi dwar incident tat-traffiku li sehh fil-11 ta' Frar, 2014 f'Birkirkara bejn vettura GBD 872 li kien qieghed isuq il-konvenut u l-vettura tal-pulizija GVP 818 li kien qieghed isuq PC899 Jean Paul Vella. L-incident sehh fit-tarf ta' Triq Wignacourt, qabel tohrog ghal Triq Salvu Psaila, Birkirkara.

2. It-Tribunal tal-Arbitragg qasam ir-responsabbilta' bejn iz-zewg xufiera, 1/3 tal-htija lill-konvenut u 2/3 lil PC 899 Jean Paul Vella u kkundanna lill-appellat Portelli sabiex ihallas lill-appellant is-somma ta' elfejn mitejn u tmienja u sittin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€2,268.75).

3. Il-Kummissarju tal-Pulizija appella mis-sentenza, bl-aggravji jkunu li:

   i. Applikazzjoni zbaljata tal-ligi. F'dan ir-rigward l-appellant ghamel riferenza ghar-regolamenti 75, 77(1), 83 u 84 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 kif ukoll 218 tal-Highway Code. Argumenta li l-vettura tal-pulizija kienet fuq emergenza u kellha tinghata prijorita'. L-appellat kien fil-karreggata zbaljata u dan wassal biex jostakola t-triq lill-vettura tal-pulizija. Minhabba *blind corner* l-appellant ma kellux il-hin sabiex jevita l-vettura tal-appellat.
   ii. Apprezzament zbaljat tal-provi fosthom li fi Triq Torri Wejter hemm *stop sign* (jew tal-anqas kien hemm dakinhar tal-akkadut) ezatt qabel tesporgi ghal Triq Wignacourt.

4. L-appellati pprezentaw twegiba fejn taw ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jkun michud.

5. Il-qorti semghet it-trattazzjoni u qrat l-atti.

6. Fil-11 ta' Frar, 2014 il-konvenut kien ghaddej minn Triq Salvu Psaila u kiser fuq il-lemin tieghu bl-intenzjoni tkun li jidhol fi Triq Torri Wejter. Min-naha l-ohra l-vettura tal-pulizija kienet qeghda tinstaq fi Triq Wignacourt, direzzjoni ta' Triq Salvu Psaila.

7. Minn dak li jidher fl-iskizz li sar mill-pulizija li nvestiga l-kaz, hu evidenti li:

   i. L-incident ma sehhx fi Triq Torri Wejter izda fi Triq Wignacourt. Ghalhekk hu zbaljat it-Tribunal meta qal li l-konvenut dahal fi Triq Torri Wejter (pagna 15 tad-decizjoni). L-appellat stess fil-verzjoni li ta lill-pulizija qal, *"Kont ghaddej minn Psaila Street (Minn Hamrun lejn Birkirkara)* ***dhalt go Triq Wignacourt*** *biex indur go Triq Torri Wejter......"*.

   ii. Il-vettura GBD 872 kienet fuq in-naha hazina tat-triq. Konkluzjoni li l-qorti tasal ghaliha mill-*ispot of impact* li jidher fl-iskizz u li tista' tghid hu bhal dak li jidher fir-ritratti. Ghall-qorti m'hemmx dubju li meta l-konvenut gie biex johrog minn Triq Salvu Psaila u jaqsam Triq Wignacourt biex jidhol fi Triq Torri Wejter, ha t-triq il-qasira billi mar fuq in-naha hazina tat-triq u ghadda minn fuq stop sign li minn Triq Wignacourt taghti ghal Triq Salvu Psaila. Manuvra li hi kontra r-regolament tat-traffiku. Il-konvenut suppost dahal fi Triq Wigna Court mhux minn dik il-parti tat-triq fejn fl-iskizz hemm il-kelma *'debris'* izda minn faccata. Hemmhekk kellu jieqaf u jesplora Triq Wignacourt (ix-xellug tieghu) qabel jaqsamha biex jidhol fi Triq Torri Wejter. Triq Wignacourt hi dritta u ghalhekk tipermetti lix-xufier li jkollu vizwali fit-tul tat-traffiku li jkun gej minn fuq ix-xellug tieghu. B'dak il-mod biss seta' jassigura ruhu li ma kienx hemm vetturi telghin minn Triq Wignacourt qabel jaqsamha. Minn fejn ghadda l-appellat m'hemmx mod biex jikkontrolla t-traffiku tiela' minn Triq Wignacourt fid-direzzjoni ta' Triq Salvu Psaila. Bil-manuvra li ghamel l-appellat, probabbilment PC Vella sab ma' wiccu l-vettura tal-konvenut. Kif qal it-Tribunal, b'dik il-manuvra li ghamel l-appellat ix-xufier, *"... jaqta' ghad-dritt, ossia cutting the corner.* ***Certament illi dan jaddossa lill-istess intimat bir-responsabbilta ghas-sinistru****"*.

8. It-Tribunal qal ukoll li:

   *"L-Arbitru tinnota illi Triq Wejter hija effettivament through road ghal Triq Wignacourt, u kwindi min ikun ghaddej minn Triq Wejter ghandu d-dritt fuq min ikun gej minn Triq Wignacourt, u mhux vice versa kif insista x-xjufier tar-rikorrenti, Vella"*.

9. Il-qorti ma taqbilx ma' dak ir-ragunament ghaliex il-parti tat-triq fejn sehh l-incident hi parti minn Triq Wignacourt u mhux Triq Torri Wejter. Tant hu hekk li hemm sinjal 'Stop' fit-tarf taghha li taghti ghal fuq Triq Salvu Psaila filwaqt li m'hemmx sinjal 'Stop' fil-kantuniera bejn Triq Wignacourt u Triq Torri Wejter. Fir-ritratt mehud mill-ajru jidher sinjal Stop fit-tarf ta' Triq Torri Wejter, fi zmien meta vetturi setghu johorgu minn Triq Torri Wejter ghal Triq

Wignacourt. Fatt li fih innifsu jindika li dan m'huwiex kaz ta' *through road*. Meta sehh l-incident dak is-sinjal ma kienx ghadu hemm ghaliex f'dik il-parti tat-triq tista' biss tidhol fi Triq Torri Wejter u mhux tohrog minnha ghal Triq Wignacourt. Hekk ukoll hi l-posizzjoni llum il-gurnata. Hu ovvju wkoll li l-appellat ma kellu qatt ighaddi bil-vettura tieghu minn fuq is-sinjal 'Stop'. Kellu jikser iktar 'il fuq fi Triq Salvu Psaila u mhux jikser fejn hemm dak is-sinjal. Triq Wignacourt hi triq principali u qabel jaqsamha kellu jieqaf u jhares fuq ix-xellug tieghu. Ovvjament dan ma sarx ghaliex l-appellat hareg minn Triq Salvu Psaila u dahal fi Triq Wignacourt minn fejn ma kellux ighaddi.

10. It-Tribunal ikkonkluda li x-xufier tal-vettura tal-pulizija kellu responsabbilta ghaliex kien qieghed isuq b'velocita iktar milli suppost.

11. Jirrizulta li fl-22:24 fi Triq l-Imsida, Birkirkara l-vettura kienet qeghda tinstaq b'95 kfs (ara Dok. BS1 li hu *datatrak report* tal-vettura GVP 818). L-incident sehh tliet minuti wara. Fl-22:27:03 il-vettura kienet fi Triq Santa Marija, Birkirkara tinstaq b'velocita ta' 14kfs. Ir-reading li jmiss hu 22:27:33 fejn ir-*reading* kien 0kfs ghaliex ovvjament il-vettura kienet wieqfa minhabba l-incident. Fir-rapport tad-*datatrak* m'hemmx dikjarat l-*ispeed* tal-vettura tal-pulizija meta kienet fi Triq Wignacourt. Fl-abitat l-*ispeed* m'ghandux ikun iktar minn 50 kfs.

12. It-Tribunal ikkonkluda li l-velocita approssimattiva tal-vettura tal-pulizija kienet iktar ta' ċirka 60kfs, *"... illi mhux biss tirrikoncilja l-figuri rizultanti minn Dok. BS1, talli tirrikoncilja ukoll man-natura tal-hsarat u resting position tal-vetturi. Velocita simili certament illi kienet ikkonsulta ghall-akkwati"*.

13. Jista' jkun li l-vettura tal-attur kienet qeghda tinstaq b'velocita iktar milli suppost ghal dik l-akwata. Pero' l-qorti hi tal-fehma li l-kawza prossima tal-incident ma kienx is-sewqan ta' 60kfs izda l-fatt li l-vettura tal-appellat ghaddiet minn parti ta' Triq Wignacourt minn fejn mhux suppost ghaddiet minnu. Li kieku l-konvenut ma hax *shortcut* u minflok ghamel il-manuvra li spjegat il-qorti f'paragrafu 4 ta' din is-sentenza, l-incident tat-traffiku ma kellux isehh.

14. Dak li jista' jkun responsabbli ghalih PC Vella hu ghal negligenza kontributorja, minhabba *speed* eccessiv meta l-art kienet imxarrba. Pero' rrizulta li dik il-vettura kienet qeghda tirrispondi ghall-emergenza. It-Tribunal ma qalx li dik ma kinitx il-verita', u l-appellat ma kkontestax tali fatt. Fil-verzjoni li ta lill-pulizija li nvestiga l-kaz, l-appell stess qal li fil-hin tal-incident il-vettura kellha l-*beacon lights* mixghulin (ara verzjoni li ta lill-pulizija u registrata fir-road accident report). Dan ma kienx kaz fejn l-appellat jaghti precedenza lill-vettura tal-pulizija, ghaliex kien f'parti tat-triq li fiha qatt ma kellu jkun.

15. Inoltre', skont paragrafu 275 tal-Highway Code:

> *"Kwalunkwe wahda mill-velocitajiet ta' hawn fuq tista' tigi mnaqqsa b'sinjali xierqa tat-traffiku. Ambulanzi, fire-engines, vetturi tal-pulizija u vetturi ohra ta' emergenza bis-sirena jew dawl iteptep jew sinjali ohra xierqa huma* ***ezenti mil-limiti ta' velocità murija hawn fuq****".*

16. Fil-fehma tal-qorti *speed* ta' madwar 60kfs f'kaz fejn il-pulizija kienu qeghdin jirrispondu ghall-emergenza, ma jistax jitqies li kien sewqan negligenti. L-incident sehh mhux ghaliex il-vettura tal-pulizija kienet ghaddejja b'dik l-*ispeed* izda ghaliex il-konvenut b'mod perikoluz u traskurat qasam Triq Wignacourt minn parti minn fejn qatt ma kellu jghaddi u minghajr ma waqaf biex jara kinux gejjin vetturi min-naha tax-xellug tieghu. Kien dak is-sewqan traskurat li wassal ghall-incident meritu tal-kawza. Li kieku l-konvenut waqaf fejn kellu jieqaf kien facilment jara l-vettura tal-pulizija, meta tqies li Triq Wignacourt hi triq principali twila u dritta.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell sa fejn kompatibbli ma' dak li nghad hawn fuq u tvarja d-decizjoni tat-Tribunal tal-Arbitragg tal-20 ta' Gunju, 2018 fis-sens li tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh fil-11 ta' Frar, 2014 u tikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' sitt elef tmien mija u sitt ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€6,806.24), bl-imghax mid-data tan-notifika tal-avviz tal-arbitragg.**

**Spejjez taz-zewg istanzi a karigu tal-appellat Portelli**.

Anthony Ellul.